Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

N°: 09/15

**AVVIŻI**

**20 ta' Diċembru 2015**

Nhar it-Tlieta wara l-quddiesa tan-novena ssir il-purċissjoni bil-Bambin fit-toroq tar-raħal tagħna. Fi tmiem il-purċissjoni ssir il-premjazzjoni tat-tfal li jattendu għall-katekeżi fil-Parroċċa.

Nhar il-Ħamis, Lejlet il-Milied, ma jkunx hawn il-quddiesa tas-6.15pm. Fil-11pm tibda l-velja li tħejjijna għall-quddiesa ta' Nofsillejl. Nhar il-Ġimgħa, Jum il-Milied, il-quddies ikun bħal tal-Ħdud.

Bħas-soltu sa jsir *Christmas Breakfast* wara l-quddiesa tal-lejl tal-Milied fiċ-Ċentru Parrokkjali. Żammejna l-prezz baxx biex kulħadd ikun jista' jieħu sehem. Din għandha tkun okkazzjoni li tkompli tgħaqqadna bħala familja fil-Mulej Ġesù. Bookings fis-sagristija jew fuq in-numri tat-telefon li jidhru fil-posters.

Is-Sibt 26 sa niċċelebraw il-Festa tal-Familja Mqaddsa b'quddiesa għall-familji fis-6.15pm.

Nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru sa jsir il-party tal-milied għat-tfal kollha tal-parroċċa bejn id-9am u nofsinhar. Kulħadd mistieden imma hu meħtieġ il-booking minn qabel. Mhux sa jkun mitlub ħlas imma min jixtieq jista' jagħmel donazzjoni biex jittaffew l-ispejjeż tal-istess okkazzjoni.